


STORJA TA' SUĊĊESS



# IL-FORUM TAL-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ

ONE OF US



**TGĦALLEM** – IDDISKUTI – IKKONNETTJA - FITTEX PARIR

## | WERREJ

One of Us	3
Il-kampanja One of Us	4
L-impatt tal-Kampanja One of Us	7




# 1

## One of Us

One of Us, irreġistrata fil-11 ta' Mejju 2012, kienet waħda mill-ewwel inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej li rnexxielha tiġbor tal-anqas miljun firma. L-inizjattiva kkonċernat il-protezzjoni legali għad-dinjità, id-dritt tal-ħajja u l-integrità ta' kull persuna umana mill-konċepiment. L-objettiv ewlieni tagħha kien li jitwaqqfu l-attivitajiet ta' finanzjament tal-UE li jinvolve l-embrijuni umani, b'mod partikulari fir-riċerka, fis-saħħa pubblika u fl-għajjnuna għall-iżvilupp.

L-inizjattiva One of Us hija eżempju wieħed ta' inizjattivi li rnexxew li għaliha l-organizzaturi pprovdew abbozz ta' att legali biex jitolbu tliet emendi leġiżlattivi. Barra minn hekk, l-organizzaturi waqqfu organizzazzjoni bil-personalità ġuridika tagħha ddedikata għall-kampanja f'Settembru 2013, il-"Federazzjoni One of Us".

Il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li ma twettaqx ir-rieżami leġiżlattiv mitlub billi kkunsidrat adatt il-qafas leġiżlattiv eżistenti.



### Il-fatturi ta' suċċess

- Appoġġ pubbliku mill-Vatikan
- Kumitati nazzjonali b'saħħithom
- Kampanja ffokata fuq pajjiżi li fihom it-tema hija familjari sew

## 2

# Il-kampanja One of Us

## Preparazzjoni

NGOs minn pajjiżi b'movimenti favur il-ħajja sodi u stabbiliti sew (Franza, il-Ġermanja, il-Polonja, Spanja, l-Italja) bdew jikkuntattjaw l-NGOs favur il-ħajja f'pajjiżi oħrajn li setgħu jimmaniġġjaw il-kampanja permezz ta' kumitati nazzjonali. Huma ġabru fondi għall-koordinazzjoni ċentrali tal-inizjattiva fi Brussell (biex jorganizzaw laqgħat, iħallsu l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, eċċ.) bis-saħħa tal-kontribuzzjonijiet tal-organizzazzjonijiet sħab. Barra minn hekk, kull kumitat nazzjonali ġabar fondi għall-kampanja nazzjonali tiegħu.

## Implimentazzjoni

Il-kampanja twaqqfet eżatt wara r-reġistrazzjoni. (Jekk jogħġbok innota li illum, għandek sa sitt xhur bejn ir-reġistrazzjoni u l-bidu tat-12-il xahar biex tiġbor il-firem. Meta ġiet implimentata l-inizjattiva "One of Us", dan ma kienx għadu l-każ). L-ewwel ħames xhur tal-kampanja "kienu prinċipalment iddedikati biex jinbnew xi strutturi biex tiġi żviluppata l-kampanja fi 28 pajjiż tal-UE." Il-kampanja effettiva u l-ġbir tal-firem kienu biss implimentati wara li kienet ġiet stabbilita l-istruttura tagħhom. Konsegwentement, il-firem inġabru fi żmien 6 xhur.

Il-kampanja applikat approċċ mifruq għall-użu tal-media u tar-riżorsi online. Biex titqajjem kuxjenza u jiġu edukati n-nies, l-organizzaturi waqqfu sit web apposta u kkuntattjaw lill-media tradizzjonali (inkluż l-għoti ta' intervisti). Fl-istess ħin, l-organizzaturi kienu attivi wkoll fuq Facebook u Twitter .



## | Ġbir tal-firem

Strateġija ġenerali għall-kampanja kienet miftiehma b'kull kumitat nazzjonali jimplimenta l-verżjoni tiegħu tal-kampanja, billi jfittex ambaxxatur nazzjonali biex jipromwovi l-inizjattiva u jħeġġeġ in-nies jiffirmaw id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ.

L-istrateġija kienet ibbażata fuq il-punti ewlenin li ġejjin:


1. li jinġabar l-ammont minimu ta' firem rekwiżiti fis-seba' pajjiżi
2. li jinġabru miljun firma
3. li jinġabru 1.2 miljun firma f'każ li xi wħud ma kinux validi
4. li jinġabru 1.5 miljun firma biex jissaħħaħ il-messaġġ tal-inizjattiva
5. li jinġabar in-numru massimu possibbli ta' firem mill-akbar numru possibbli ta' pajjiżi.

Waħda mill-isfidi ewlenin iffaċċjati mill-organizzaturi kienet id-diffikultajiet tekniċi biex iwaqqfu s-sistema tal-ġbir online. Madankollu, b'rispons għal dawn id-diffikultajiet iffaċċjati mill-organizzaturi matul il-fażi tal-bidu tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, il-Kummissjoni pprovdiet il-hosting tas-sistemi ta' ġbir online tal-organizzaturi skont ir-Regolament, kif ukoll iprovdiet assistenza u taħriġ tekniku. B'mod eċċezzjonali, il-Kummissjoni aċċettat ukoll dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin sal-1 ta' Novembru (lil hinn mit-12-il xahar uffiċjali) għall-inizjattivi rreġistrati kollha qabel il-31 ta' Ottubru 2012.

Meta l-fażi tal-ġbir intermet fl-1 ta' Novembru 2013, madwar 65% tal-firem kienu miġburin bil-miktub fuq karti stampati mill-volontarji, u l-35% l-oħrajn kienu miġburin online.



### Numru ta' dikjarazzjonijiet ta' sostenn (f'tipa grassa l-pajjiżi fejn intlaħaq il-livell limitu)



### | Verifika u sottomissjoni

L-inizjattiva kienet sottomessa fit-28 ta' Frar 2014 flimkien maċ-ċertifikati li jikkonfermaw il-validità tal-1,721,626 dikjarazzjoni ta' appoġġ.

# 3

## L-impatt tal-Kampanja One of Us

### Eżaminazzjoni u deċiżjoni tal-Kummissjoni

L-organizzaturi Itaqgħu mal-Kummissarju Ewropew għar-Riċerka, l-Innovazzjoni u x-Xjenza u mad-Deputat Direttur Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni (ara [l-istqarrija għall-istampa](#)). L-għada l-organizzaturi ppreżentaw l-inizjattiva tagħhom f'[seduta pubblika](#) fil-Parlament Ewropew.

Fil-[Komunikazzjoni](#) tagħha tat-28 ta' Meju 2014 (ara [l-istqarrija pubblika](#)), il-Kummissjoni ddikjarat li ma kinitx se tissottometti proposta ta' leġiżlazzjoni billi l-qafas ta' finanzjament kien diġà ġie diskuss u miftiehem mill-Istati Membri u l-Parlament tal-UE.

Aktar informazzjoni dwar l-azzjonijiet ta' segwitu tinsab fis-[sit web tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej](#).



## | Segwitu

L-organizzaturi kkomunikaw ir-riżultati tal-kampanja lil dawk li jappoġġjawha prinċipalment permezz tal-emails. Huma “bagħtu rapporti kompluti bil-firem miġburin lill-kuntatti kollha fil-pajjiżi differenti.” Hawnhekk, is-suċċess ta’ pajjiż kien immirat biex jimmotiva lill-oħrajn. Meta “l-pajjiżi differenti ġabru l-firem minimi meħtieġa”, l-organizzaturi għamlu użu minn dan biex iħeġġu “lill-oħrajn jimmobilizzaw il-kampanji nazzjonali tagħhom.”

L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej kienet biss il-punt tat-tluq ta’ kooperazzjoni aktar dejjiema. Fid-dawl tal-kampanja, l-organizzaturi “kkostitwew il-Federazzjoni One of Us biex ikompli jaħdmu fil-livell Ewropew u nazzjonali.” Dan l-eżempju juri kif l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ma tistax biss tgħin lin-nies isemmġhu l-ewwel nett leħinhom iżda wkoll li jinstabu individwi li jaħsbuha bl-istess mod biex isegwu għan komuni bħala parti minn strateġija fit-tul taż-żmien.

Minkejja s-suċċess tagħhom, l-organizzaturi jiddikjaraw li huma jagħżlu approċċ kemxejn differenti li kieku kellhom jimplementaw kampanja oħra. Il-punt ewlieni li jindirizzaw kieku jkun l-istruttura organizzattiva tal-kampanja tagħhom. “Struttura solida fil-pajjiżi differenti” kieku tkun prevista mill-organizzaturi. Din tista’ tippermetti aktar żmien matul il-kampanja biex jinġabru l-firem u tippermetti ppjanar saħansitra aħjar fit-tul taż-żmien.



## Pariri u suġġerimenti għal organizzaturi futuri

- Ibagħtu l-mistoqsijiet legali tagħkom lill-helpdesk tal-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.
- Ikkomunikaw! Stabbilixxu flussi ta’ informazzjoni orizzontali u vertikali fl-istruttura tal-kampanja.
- Il-motivazzjoni hija kritika, għalhekk kull ġimġha apdejtjaw il-koordinaturi nazzjonali dwar il-ġbir tal-firem biex tħeġġuhom.
- Jekk il-mira li jinġabru miljun firma tidher kbira wisq biex tibdew biha, issettjaw sensiela ta’ miri u ta’ dati tal-għeluq ċari u speċifiċi għall-pajjiżi u mal-UE kollha, u mmonitorjaw il-progress b’attenzjoni.
- Iffokaw il-kampanja fuq pajjiżi li fihom it-tema tal-inizjattiva diġà familjari ħafna.
- Żommu f’moħħkom li d-deċiżjoni finali dwar is-segwitu li għandu jingħata lill-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ta’ suċċess tinsab f’idejn il-Kummissjoni Ewropea.



## Lezzjonijiet miksubin

- L-organizzaturi kienu konxji li anki kieku l-Kummissjoni ma kinitx obligata li tipproponi l-leġiżlazzjoni, “inizjattiva li tirnexxi kienet se tkun qed toħloq pressjoni politika u dibattitu konsiderevoli fl-Ewropa kollha”.
- Minkejja l-fatt li l-inizjattiva kienet b’mod pubbliku appoġġjata kemm mill-Papa Benedettu XVI kif ukoll mill-Papa Franġisku, “il-kampanja kienet affettwata b’mod ħażin minn nuqqas ta’ kopertura fil-media”.
- L-aħħar iżda mhux l-anqas, huma ffukaw il-kampanja fuq pajjiżi b’movimenti sodi favur il-ħajja (eż. Franza, il-Ġermanja, il-Polonja, Spanja, l-Italja). F’tit dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ inkisbu f’pajjiżi li fihom ma kellhomx kumitat nazzjonali sodi, fejn kellhom riżorsi finanzjarji limitati ħafna.